MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 45/1999/1

Citazzjoni numru 45/1999

Steven Grima

-vs-

Carmen Pace

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi fl-10 ta' April 1997 ghall-habta tat-8.00pm gewwa Triq Mgarr, kantuniera ma' Triq Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex l-attur kien involut f'incident awtomobilisitiku meta l-konvenuta waqt li kienet qeghdha ssuq il-vettura bin-numru HAH 226 baqghet diehla fil-mutur tal-marka Yamaha 175 li bin-numru Q-5783 u li fil-hin ta' l-incident kien misjuq mill-attur;

Illi minhabba dan l-incident l-attur sofra danni, inkluzi feriti ta' natura permanenti kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-incident sehh b'rizultat ta' negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;

Illi l-konvenuta debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni nonostante interpellazzjoni ufficjali baqghet inadempjenti;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Mgarr, kantuniera ma' Triq Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex fl-10 ta' April 1997 li b'konsegwenza tieghu l-attur sofra danni.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta, thallas lill-attur id-danni hekk likwidati skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-11 ta' Gunju 1997 u ta' Novembru 1998 kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur anness maghha l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Pace fejn eccepiet:

1. illi fl-ewwel lok, hija tikkontesta illi r-responsabbilita' ghall-incident hija unikament taghha kif allegat mill-attur. Ghall-kuntrarju tali responsabbiita ghandha tigi akkollata lill-attur minhabba illi dan kien qieghed isuq il-mutur tieghu b'velocita' eccessiva u minghajr ma jzomm "a proper look out" ghal dak li kien qed jigri quddiemu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghadu qatt ma kwantifika d-danni illi huwa jippretendi illi sofra per konsegwenza ta' l-incident de quo, u ghaldaqstant f'dan ir-rigward, l-esponenti tirriserva illi tikkontesta l-ammont pretiz mill-attur jekk u meta hija tkun giet infurmata bil-quantum tal-pretensjonijiet tieghu.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob likwidazzjoni tad-danni ghal-lezjonijiet permanenti li huwa sofra f'incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' April 1997 ghall-habta tat-8.00pm fi Triq Mgarr, Ghawdex, meta kien qieghed isuq il-mutur tieghu tal-marka Yamaha 175 numru ta' registrazzjoni Q-5783. Jirrizulta mill-atti li l-konvenuta, li fil-hin tal-incident, kienet qeghdha ssuq karozza bin-numru ta' registrazzjoni HAH 226, ma baqghetx tikkontesta r-responsabilita' ghall-incident u assumiet it-tort kollu ghall-istess. Is-socjeta' assikuratrici taghha, l-Elmo Insurance Agency Ltd, accettat wkoll dan il-fatt. Il-kontendenti, pero', ma waslux fi ftehim dwar l-quatum tad-danni li kellhom jigu likwidati. Il-Qorti tifhem li l-ostaklu principali kien dwar l-percentwali ta' disabilita' permanenti li sofra l-attur billi ma jidhirx li huwa kkontestat li xi grad ta' disabilita' gie ikkagunat u jezisti fl-attur.

Illi fil-kuntest tal-grad ta' disabilita' l-Qorti osservat li s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta kienet disposta li tillikwida din il-percentwali fil-figura ta' ghaxra fil-mija. Difatti b'ittra li qeghdha esebita folio 20 u markata Dok. B fil-paragrafu ta' l-ahhar ikkonfermat li "we are prepared to assess damage at the rate of 10% for permanent disability, based on a report issued by Mr Zammit Maempel". L-ittra ggib id-data tas-6 ta' Dicembru 1999. L-attur evidentement kien f'dan l-istadju jippretendi grad ghola fil-percentwali ta' disabilita' fuq l-iskorta ta' rapport mediku rilaxxjat mill-konsulent Ortopediku, Mr R. Aquilina, li kien ikkalkola tali percentwali fil-figura ta' tmintax fil-mija (18%). Id-data tar-rapport huwa t-13 ta' Marzu 1998 u jinsab esebit bhala dok. A folio 5. Issa l-incident de quo sehh fl-10 ta' April 1997 b'hekk li jirrizulta li fil-waqt li r-rapport redatt mill-konsulent tal-attur kien appena disa' xhur wara l-incident, dak tal-konsulent inkarigat mill-assikurazzjoni sar cirka sentejn wara u sostanzjalment jaqbel fil-grad ta' menomazzjoni sofferta mill-attur mal-percentwali li wasal ghaliha l-espert mediku nominat fil-kors tal-proceduri fil-persuna ta' Mr Robert Gatt wkoll Orthopaedic Surgeon.

Dan ir-rapport mediku datat 7 ta' Ottubru 2000, jigifieri ghaxar xhur cirka wara dak tal-konsulent Zammit Maempel, iffissa l-percentwali fir-rata ta'disa' fil-mija (9%). Ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta l-percentwali tal-ghaxra fil-mija kif inizjalment proposta mid-ditta assikuratrici.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-fissazzjoni tal-grad ta' disabilita' hemm problematika ohra fil-fissazzjoni tal-kriterji l-ohra li l-Qorti tinnecessita li tadotta biex tasal ghall- figura finali ta' kompensazzjoni risarcibbli, dana minhabba li l-provi huma skarni. Difatti minn imkien, salv in-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, ma rrizulta l-eta' tal-attur u lanqas l-introjtu annwu tieghu. Jinghad f' din in-nota li l-attur kellu tmintax-il sena u kien impjegat ma' missieru f'hanut tat-'take-away' fejn kien jaqla' hamsin lira Maltin (Lm50) fil-

gimgha li tekkwivali ghall-paga minima. M'hemm xejn oltre li jitfa' dawl fuq l-aspettattivi futuri fl-impieg tal-attur. Anzi fin-nota riferita tieghu hu talab bhala lucrum cessans li tigi likwidata favur tieghu is-somma ta' tmint elef u hamsin lira Maltin (Lm8050) li tirraprezenta tlieta u erbghin sena hajja lavorattiva, multiplikata bl-introjtu annwu bazat fuq hamsin lira Maltin (Lm50) fil-gimgha, multiplikat bil-percentwali ta' 9% disabilita, nieqes 20% in kwantu s-somma tithallas f'daqqa.

Illi l-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha waslet ghas-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) fil-waqt li accettat l-eta' tal-attur u l-introjtu settimanali ta' Lm50 izda bbazat l-kalkolu fuq hajja aspettattiva (life expectancy) ta' 20 sena, disabilita' ta' tmienja fil-mija, u kkunsidrat rata ta' inflazzjoni ta' mija u ghoxrin fil-mija, nieqes l-ghoxrin fil-mija (lump sum payment).

Ikkunsidrat:

Illi l-ligi fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili taghti risarciment ta' danni mhux biss id-dannum emergens, imma anki l-lucrum cessans. Fil-kaz in ezami s-somma tad-dannum emergens ma tidhirx li hija kontestata u hi determinabbli fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti tlett xhur paga kalkolabbli bil-Lm50 fil-gimgha. Il-kontestazzjoni hi dwar il-lukri cessanti kif riportat aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn hemm differenza ta' circa Lm4000 bejn ir-rispettivi posizzjonijiet tal-kontendenti. Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha hi wkoll tadotta s-sistema tal-'multiplier' introdotta originarjament fil-kawza Butler v Heard u kostantement segwita. Fil-likwidazzjoni tal-lukri cessanti koncernanti din il-kawza li jonqos hu li jigi stabbilit l-hekk imsejha 'purchase years' li fuqhom ghandha tigi determinata s-somma, accertat li l-attur kellu 18-il sena meta gara l-incident. Fil-kuntest ta' dan din il-Qorti taqbel li n-numru ta' snin li ghandha tadotta fil "multiplier" m'ghandux ikun ibbazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu mehud in konsiderazzjoni ic-"chances and changes" tal-hajja (Appell Paul Vassallo et noe v Carmelo Pace – Vol. LXX.ii.143 u l-gurisprudenza li

segwit Butler v Heard ma baqghetx ankorata ma'massimu ta' 20 sena).

Fil-kaz in disamina din il-Qorti hi tal-fehma li perjodu ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena li tqis c-'chances and changes', u wkoll l-infazzjoni, tkun kriterju gust li tiehu wkoll qies li l-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita' 'ut sic' imma ghall-inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qliegh (Appell Carmela Busuttil v George Micallef – Vol. XLI.i.101).

Inghad dan ghalhekk qeghdha tikkalkola s-somma bil-metodu segwenti: Lm50 (paga fil-gimgha) x 52 x 30 (purchase years) x 10% (disabilita') x 80% (lump sum deduction) - fis-somma ta' sitt elef mitejn u erbghin lira Maltin (Lm6240) li maghhom ghandhom jizdiedu sitt mitt lira Maltin (Lm600) bhala dannum emergens li jgib total ta' sitt elef tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm6840).

Tiddeciedi ghalhekk billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur.

2. Tilqa' t-talbiet l-ohra u tillikwida d-danni fl-ammont ta' sitt elef tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm6840) li tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur bl-imghax dekorribli mil-lum sal-effettiv pagament.

Dwar l-kap ta' l-ispejjez tiddeciedi li l-attur ghandu jissoporta parti mill-istess stante l-percentwali ta' disabilita' pretiza minnu li rrizultat esorbitanti fic-cirkosntanzi. Tordna ghalhekk li l-ispejjez jigu sopportati kwantu ghal kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------